# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) INFERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Gimgha 2 ta' Marzu, 2001 .

### Avviz numru : 29/93G2(PC)

**Pawlu u Angela konjugi Cefai .**

**VS**

**Salvu Mifsud,**
**Carmelo Mifsud, u**
**Joseph Mifsud .**

**Il-Qorti ,**

**Rat l-Avviz li permezz tieghu, l-atturi talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandhomx jigu ikkundannati li jhallsu lill-atturi dik is-somma ta' flus li tigi hekk likwidata in linea ta' danni, u dana okkorrendo permezz ta' perit nominat ghall-istess fini u dana talli recentement minghajr l-ebda dritt u kontra l-volonta' espressa tal-atturi dahlu diversi drabi illegalment fir-raba proprjeta' tal-atturi msejha "Tal-Beccuna" li qeghda fit-triq tal-Qala, Qala, Ghawdex, tal-kejl ta' cirka mitejn u tnejn u tmenin metru kwadru (282mk) u konfinanti mill-punent ma' beni f'idejn l-istess konvenut, lvant ma' beni ta' Anthony Camilleri u tramuntana ma' beni tal-ahwa Grima u nofsinhar ma' Qala Road u kkagunaw diversi hsarat fiha billi ripetutament u illegalment nehhew il-wicc li kien hemm mizrugh fl-istess raba, kif ukoll qalghu l-qsami, u dana prevja okkorrendo d-dikjarazzjoni illi huma unikament responsabbli ghall-hsarat hawn fuq imsemmija .**

**Bl-ispejjez, komprizi dak tal-ittra ufficjali tal-14 ta' Mejju, 1993 u bl-ingunzjoni tal-istess konvenuti ghas-subizzjoni li ghaliha debitament huma imharrka . Bl-imghaxijiet ukoll skond il-ligi .**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li eccepew :**

**Illi ghalkemm hu veru illi l-esponenti bi svista dahlu fir-raba tal-atturi, dan ghamluh in ottima fede u ghaliex kienu minghalihom illi dik hi r-raba**

**taghhom (liema raba effettivament kienet tifforma parti wahda mir-raba tal-atturi) .**

**Illi pero' mhux veru illi b'danakollu, l-esponenti kkagunaw xi hsarat jew xi danni illi atturi in kwantu r-raba ta' l-atturi, l-istess bhar-raba tal-konvenuti kienet abbandunata u gmiem u kkull ma ghamlu l-esponenti kien illi hartu r-raba kollu, u b'daqshekk zgur li ma giet kagunata ebda hsara anzi pjuttost il-kuntrarju .**

**Rat il-verbali tax-xhieda mismugha u d-dokumenti esebiti .**

**Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza .**

**Ikkunsidrat :**

**Illi permezz ta' din il-kawza l-atturi qeghdin jitolbu minghand il-konvenuti kumpens ghall-hsarat allegatament ikkagunati minnhom fir-raba taghhom. Il-konvenuti jammettu fl-istess nota ta' l-eccezzjonijiet taghhom illi kienu dahlu bi zball gor-raba ta' l-atturi, imma jsostnu illi dakinhar din kienet gmiem u ma kenitx tinhadem .**

**Din hija ghalhekk kwistjoni ta' kredibilita' u liema verzjoni l-Qorti ghandha temmen u torbot fuqha . Irrizulta mill-provi prodotti illi z-zewg bicciet raba kienu ghamlu zmien mitluqa u ghalkemm kien hemm xi qsami, bilkemm kienu jingharfu minn xulxin . F'xi zmien qabel ma saret il-kawza, pero', l-atturi bdew jahdmu l-parti taghhom u l-konvenuti, li kienu msiefrin, meta rritornaw marru biex jahartu l-bicca taghhom ukoll, imma ippretendew illi din kienet testendi wkoll fil-parti okkupata mill-atturi . Ix-xhieda kollha li gew prodotti, sew minn naha kif ukoll mill-ohra, kollha kienu konsistenti fis-sens illi l-atturi kienu gia jikkoltivaw ir-raba taghhom qabel ma rritornaw mis-safar il-konvenuti, u ghalhekk huma aktar kredibbli l-atturi meta jsostnu illi l-ghalqa taghhom kienet mahduma u mizrugha meta dahlu fiha l-konvenuti . Infatti x-xhud Angelo Grima li inzerta kien fl-inhawi meta sar dana l-incident jiftakar li kien gibed l-attenzjoni tal-konvenuti u fi kliemu stess :**

**"Jiena fil-fatt avvicinajt lill-konvenuti u ghidtilhom ghalfejn kien qed jaghmlu hekk . Kienu jafu li l-ghalqa ma kenitx taghhom . Wiehed mill-konvenuti llum ma niftakarx, kien qalli ma naghtix kaz . U baqghu sejrin bix-xogholijiet." (a fol. 62-63 tal-process) .**

**Jibqa' ghalhekk sabiex jigi stabilit il-'quantum' tad-danni kkagunati lill-atturi . L-attrici Angela Cefai tippretendi li saritilhom hsara ta' madwar mitt lira maltija (LM100) . F'dik l-okkazzjoni l-ghalqa kienet mizrugha bettieh . Kienet xtrat bott zerriegha ghall-prezz ta' seba' liri (LM7) u xkora sulfat, seba' liri (LM7) ohra u tikkalkula illi minn dik l-ghalqa kienet**

**iddahhal mas-sittin jew sebghin lira mill-bejgh tal-bettieh . Mehud in konsiderazzjoni l-kobor tal-ghalqa, li ma hux ta' aktar minn siegh u nofs (282 metru kwadru ), il-Qorti thoss illi kumpens ta' tmenin lira maltija (Lm80) ghandu jkun adegwat ghal dan il-fini .**

**Ghal dawn il-motivi, tiddecidi l-kawza billi, filwaqt illi tichad l-eccezzonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara lill-istess konvenuti responsabbli ghall-hsarat ikkagunati fil-ghalqa ta' l-atturi meta qabdu u dahlu jahartuha, u konsegwentement tikkundannahom ihallsu lill-atturi is-somma ta' tmenin lira maltija (Lm80) in linea ta' danni .**

**Bl-ispejjez kontra l-istess konvenuti .**

**(ft) Paul Coppini**
**Magistrat**
**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**

Si2993Pc
770